**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN**
**Nru. 07/02/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 07/2015***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 3 ta' Marzu 2015**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur Martin Cefai kien assenti.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 06/2014

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 06/2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 06/2014

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 06/2014.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-applikazzjoni bin-nru. PA/00111/15 għal tqegħid ta' *mobile kiosk* fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.

Ittra mibgħuta mil-Ministeru għal Għawdex dwar ix-xogħol ta' pavimentar li qed isir mill-Kumitat fi Triq l-Isqof Pace. Il-Kumitat ftiehem li jitlob appuntament lill-Perit Mariella Xuereb dwar ix-xogħlijiet li qed isiru f' Marsalforn.

Komunikat mibgħut mis-Sur Joseph Portelli dwar it-talba tiegħu biex isir *culvert* għall-*wiring* tal-Enemalta fi Triq l-Isqof Pace. Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-kamra li kienet bagħtet *e-mail* lill-Enemalta dwar din it-talba.

**Applikazzjonijiet**
**għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|---|
| (i) | Maria Homoki<br>Għal tqegħid ta' *bouncy castles* u divertiment ieħor għat-tfal fi Triq il-Port (faċċata ta' Mellos Bar, quddiem l-ATM) mis-27 ta' Ġunju sat-30 ta' Awwissu 2015. | Approvata |
| (ii) | Jean Paul Portelli<br>Applikazzjoni għal twaqqif ta' posta fi Triq il-Munġbell mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2015. | Rifjutata – il-Kumitat oġġezzjona li jarma fi Triq il-Munġbell. |

## 5. ILQUGĦ FIL-WIED TA' MARSALFORN

Dwar l-ilqugħ propost fil-wied ta' Marsalforn, is-Segretarja Eżekuttiva qrat ittra mibgħuta mill-uffiċċju ta' Eko Għawdex.
Għal dan l-ilqugħ, il-Kumitat approva l-ispiża tal-arbli - €500 u jagħmel it-toqob fil-konkos għall-arbli.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 02/2015 – is-Sindku Nicky Saliba**
Ressaq dawn it-talbiet:

(i) biex jitpoġġa *skip on wheels* fi Triq is-Salini. It-talba kienet approvata. Ġie deċiż li jitpoġġa *skip on wheels* ieħor fi Triq il-Qolla s-Safra.
(ii) trasferiment tal-*bring-in site* ta' Triq il-Wied u minflok jitqiegħed fuq ir-riħ tal-wied, fil-bidu tat-triq. Talba approvata mill-Kumitat.
(iii) *embellishment* tal-*belveder* ta' Triq ix-Xagħra – issir bankina u jitpoġġew bankijiet fuqha. Iċ-Chairperson qalet ta' Cordina kienu qalulha li dik hija proprjeta` privata.

**Nru. KAM 03/2015 – is-Sinj. Karen Debrincat**
Isir it-traqqiegħ ta' Triq ta' Barda. Il-Kumitat approva xogħol ta' traqqiegħ fi Triq il-Munġbell, Triq il-Qbajjar u Triq ta' Barda (isir bil-ħaddiema tal-Kunsill).

**Nru. KAM 04/2015 – is-Sinj. Julia Byrne**
Isir it-traqqiegħ ta' Triq il-Qbajjar. Ix-xogħol kien approvat.

**Nru. KAM 05/2015 – is-Sur Alfred Camilleri**
Biex tinqala' lampa mwaħħla mar-residenza 'Carolina' fi Triq Santa Marija minħabba dawl eċċessiv fil-gallerija.

## 7. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat qabel li:

(i) issir sejħa għal kwotazzjonijiet għall-provvista ta' żebgħa għal Marsalforn.
(ii) itella' d-dramm 'Sawl' is-Sibt 21 ta' Marzu 2015 fil-knisja ta' Marsalforn mill-Kumpanija Talenti – spiża ta' €500.

Iċ-Chairperson talbet lis-Segretarja Eżekuttiva biex tiċċekkja dwar *disabled parking bay* li nżebgħah quddiem ir-residenza 53, St Paul Crt fi Triq Santa Marija u dan mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Kumitat.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-Kumitat Amministrattiv aġġorna s-seduta għat-Tlieta 21 ta' April 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***